# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 27 ta' Jannar, 2016

**Talba Nru: 449/2015 DMA**

**Vodafone Malta Limited**
**C 10865**

**Vs**

**Frederick Muscat**
**(ID. 548493M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-intimat ghandu jgig kkundanant ihallas l-ammont ta' elfejn, hames mija u tmienja u erbghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€2,548.99) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok VF 1.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjanti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret  Connie Stoyanova, credit controller fis-socjeta' attrici li `kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn, hames mija u tmienja u erbghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€2,548.99) bl-imghax legali ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**